## 17 ta' Frar, 1950.

**Imħallfin.**

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Francesco Grima pr. et ne. *versus* Emmanuele Camilleri ne.**

**Appell — Malleverija għall-Ispejjeż — Korrezzjoni — Art. 247 (1) u 175 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-malleverija li għandha takkompanja l-petizzjoni ta' l-appell hija parti integrali ta' l-istess petizzjoni. U kif il-Qorti, bis-sentenza, tista' tikkoreġi żball fl-ismijiet tal-partijiet fin-nota ta' l-appell u fil-petizzjoni, hekk ukoll tista' tippermetti dik il-korrezzjoni fil-malleverija ta' l-ispejjeż preżentata mal-petizzjoni.*

Il-Qorti, — Fuq it-talba ta' l-appellant nomine, riżultanti mill-verbal tas-seduta tat-3 ta' Frar 1950, biex jiġi korrett fil-garanzija miġjuba mal-petizzjoni l-kunjom ta' l-istess appellant, li hemmhekk jinsab miġjub bħala "Cremona" flok "Camilleri" kif imissu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-garanzija fuq imsemmija hija parti integrali tal-petizzjoni, billi din ma tistax tiġi riċevuta jekk ma tkunx akkompanjata minn dik il-garanzija (art. 247) (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili); u din il-Qorti tista' tippermetti, sas-

sentenza definitiva, il-korrezzjoni ta' żball fl-isem tal-partijiet fin-nota ta' l-appell u fil-petizzjoni (art. 175 (2) tal-Kodiċi ċitat);

Għaldaqshekk;

Tilqa' t-talba ta' l-appellant nomine, kontenuta fl-imsemmi verbal tat-3 ta' Frar 1950; bl-ispejjeż ta' l-inċident kontra tiegħu.